MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NATASHA GALEA SCIBERRAS**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2014

Numru 1136/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nikolai Sant)**

**vs**

**Joseph Zammit**
**Duncan Fenech**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputati:

Joseph Zammit ta’ 38 sena, imwieled Pieta`, nhar is-16 ta’ April 1973 bin Joseph u Jane nee` Grima u residenti gewwa ‘Goemm’, Triq Diodorus Siculus, San Giljan u detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 0202373(M) u

Duncan Fenech ta’ 36 sena, imwieled H’Attard nhar l-1 ta’ Novembru 1974 bin Albert u Maria Dolores nee` Mifsud u residenti gewwa No. 8, ‘Quinto Court’, Triq ix-Xaghra, Mgarr u detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 0547174(M).

Akkuzati talli nhar id-9 ta’ Ottubru 2011, ghall-habta ta’ 02.00 hrs gewwa l-istabbiliment bl-isem ta’ ‘Private’ li jifforma parti mill-istabbiliment bl-isem ta’ ‘Plush Wine Bar’, gewwa Triq id-Dragunara, Paceville, San Giljan:-

1. Zammew jew ezercitaw jew kellhom sehem ma’ ohrajn fl-ezercizzju ta’ burdell jew ta’ dar, hanut, jew lokal iehor jew ta’ xi parti minnhom li huma ffrekwentati jew maghduda bhala li huma ffrekwentati ghal skop ta’ prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bhala persuni responsabbli minn hanut, hallew jew ippermettew li dan il-hanut jew parti taghhom jigu wzati bhala post ta’ laqgha ghal skop ta’ prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bhala sidien jew bhala l-persuni li kellhom f’idejhom l-amministrazzjoni ta’ dan il-fond, xjentement taw b’kiri jew ippermettew l-uzu taghhom ghal skop ta’ prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament bhala operaturi ta’ attivitajiet turistici hallew l-post f’xi zmien jintuza ghal xi ghemil kontra l-ligi jew immoralita` pubblika.

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, impjegaw persuna minghajr licenzja;

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bhala principali impjegaw xi persuna li ma kinitx cittadina ta’ Malta, liema persuna ma kellhiex permess tax-xoghol;

U lil Joseph Zammit wahdu:

7. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bhala persuna bil-licenzja impjega lil Duncan Fenech biex jaghmilha minfloku bhala rapprezentant tieghu minghajr il-permess bil-miktub tal-Kummissarju tal-Pulizija.

8. U fl-ahharnett talli rrendew ruhom recidivi ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ kundanna ghal reat kontra l-qerda tal-kummerc fil-prostituzzjoni, Kapitolu 63, thassar kull licenzja li jkollu l-hati dwar xi lukanda, hanut jew fond iehor fejn jew fil-limiti ta’ liema jkun sar ir-reat.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f’kaz ta’ kundanna ghal reat tordna s-sospensjoni jew it-thassir ta’ kull licenzja mizmuma minn Joseph Zammit u Duncan Fenech u li tkun relattiva ghal kummerc jew negozju jew relattiva ghal xi post tan-negozju fejn impjegata dik il-persuna aktar il’fuq.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat illi waqt l-ezami taghhom ai termini tal-Artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, li sar fl-udjenza tal-10 ta’ Ottubru 2011, l-imputati wiegbu illi ma kellhomx oggezzjoni sabiex il-kaz taghhom jigi trattat bi

procedura sommarja, wara li nghata lilhom zmien xieraq sabiex iwiegbu.

Rat ukoll illi l-imputati wiegbu illi m'humiex hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom.

Rat ukoll illi l-partijiet ezentaw lil din il-Qorti kif presjeduta, milli terga' tisma' l-provi migjuba quddiem il-Qorti, kif diversament presjeduta;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatt li taw lok ghal dan il-kaz m'humiex ikkontestati. Jirrizulta illi fil-lejl tad-9 ta' Ottubru 2011, il-pulizija kienu qeghdin jaghmlu spezzjonijiet f'diversi hwienet f'Paceville, meta ghall-habta tas-2.00 a.m. dahlu gewwa stabbiliment li jgib l-isem ta' *Private*, liema stabbiliment jinsab taht stabbiliment iehor bl-isem ta' *Plush Wine Bar*.

Fl-imsemmi stabbiliment *Private* u specifikatament gewwa *cubicle* imdawwra b'purtiera, instabet tfajla b'sidirha barra, mixhuta fuq ragel. Dwar dan xehed is-Supretendent Stephen Gatt fis-seduta tas-7 ta' Marzu 2012 li qal hekk: "*Nehhejt il-purtiera tal-cubicle … u hemmhekk rajt tfajla b'sidirha barra mitfuha fuq ragel. Ir-ragel li semmejt kien bil-qieghda izda mixhut lura. It-tfajla kienet bejn saqajh b'sidirha kwazi ma' wicc ir-ragel*"[1]. Dan gie kkonfermat ukoll mill-Ispettur Silvana Borg li xehdet illi "*Meta rajt lit-tfajla din kienet bilqeghda fuq Reno Zammit wiccha lejh u kellha dak il-hin sidirha barra …*"[2]. Is-Supretendent Gatt xehed ukoll illi fil-*bar* kien hemm l-imputat Duncan Fenech, fil-waqt illi fit-triq, kien hemm l-imputat Joseph Zammit.[3]

Fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2011, xehed ukoll Reno Zammit, ossia r-ragel illi nstab maz-zeffiena – Daniela

---

[1] A fol. 95 tal-process.
[2] A fol. 49 tal-process. Dan gie kkonfermat ukoll mill-Ispettur Kylie Borg, fix-xhieda taghha fis-seduta tas-7 ta' Dicembru 2011 (a fol. 62 tal-process).
[3] A fol. 95 tal-process.

Dinu – gewwa l-imsemmi *cubicle.* Zammit xehed illi waqt illi huwa kien qieghed fl-imsemmi stabbiliment, f'hin minnhom, marret tfajla fuqu u z-zewgt ihbieb li kien qieghed maghhom, u staqsietu jekk kienx interessat fi *private show*. Huwa accetta din l-offerta`, hallas u ddahhal mill-istess tfajla gewwa *cubicle*. Ghal dan il-*private show,* huwa hallas hamsin Euro (€50). Zammit xehed ukoll illi din it-tfajla bdiet tizfen quddiemu u hekk kif l-istess tfajla kienet ghada kif nehhiet il-*bra* taghha, dahlu l-pulizija.[4] L-istess Zammit qal ukoll illi t-tfajla kienet qaltlu illi kienet ser tikxef il-parti ta' fuq biss.[5]

It-tfajla in kwistjoni, Daniela Dinu, xehdet fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2011. Hija qalet illi ftit tal-hin qabel giet arrestata, hija kienet diga` zifnet zewg *table dances* ghall-klijent wiehed u kienet qeghda tipprova tikkonvinci lill-istess klijent sabiex tizfen it-tielet zifna. Hija qalet hekk: "*Sabiex inhajjar lill-klijent tieghi, jiena ftaht xi ftit il-'bra' u waqt li kont nifthu jien kxift sidri izda xorta wahda kont ghadni libsa l-'bra'. F'dan il-mument il-Pulizija intervenew*".[6] L-istess xhud qalet ukoll illi hija ma kellhiex struzzjonijiet specifici mill-*management* dwar kif kellha tizfen u dak li ghamlet f'dan il-kaz kienet semplicement decizjoni taghha.[7]

In kontro-ezami, l-istess xhud qalet illi hadd mill-akkuzati ma gieghla taghmel dan ix-xoghol u li hija kienet taghmlu b'mod volontarju. Dwar il-fatt illi kienet fethet il-*bra* taghha waqt din iz-zifna, Dinu regghet ikkonfermat illi din kienet inizjattiva taghha stess u li hadd mill-proprjetarji tal-post ma kien qalilha biex taghmel hekk. Hija ddikjarat li hija mhijiex prostituta u fl-istabbiliment de quo ma jsirx sess ghall- flus. Ix-xhud qalet ukoll illi kienet taf illi l-*Club* kellu *policy* fis-sens illi setghu jidhlu biss nies il'fuq minn 21 sena u li din il-*policy* kienet tidher miktuba kemm fuq il-bieb tal-*Club*, kif ukoll fuq kull mejda fejn ikun hemm il-*menu* tax-xorb. Hija xehdet ukoll illi mal-bieb tal-*Club* ikun hemm ukoll persuni li jaccertaw ruhhom li kull min jidhol

[4] A fol. 52 tal-process.
[5] A fol. 53 tal-process.
[6] A fol. 35 tal-process.
[7] A fol. 35 tal-process.

gewwa l-istess *Club* ikollu l'fuq minn 21 sena. Dinu xehdet ukoll illi kemm meta tizfen fuq il-palk, kif ukoll meta tizfen b'mod privat ghall-klijent wiehed biss, kull klijent huwa pprojbit milli jmissha b'xi mod u illi fil-*Club* hemm nies impjegati apposta sabiex jaraw li ma jkun hemm l-ebda kuntatt fiziku bejn il-klijent u z-zeffiena.[8]

Dwar l-impjieg taghha fl-imsemmi post, l-istess Dinu xehdet illi hija tahdem gewwa *Gentlemen's Private Club* gewwa Paceville, li jgib l-isem ta' *Private Club.* Hija giet impjegata sabiex tkun zeffiena fuq *stage* u li waqt iz-zifna hija kellu tkun liebsa.[9] Madankollu, hija kellha wkoll zifna ohra differenti, hekk imsejjha *Table Dance*, li tinvolvi l-istess tip ta' zifna, b'dan illi din iz-zifna ssir minnha ghall-beneficcju ta' klijent wiehed biss. Din iz-zifna ssir wara purtiera, fuq talba tal-klijent u tinvolvi zfin biss. Ghal din iz-zifna, il-klijent ihallas ghoxrin Euro (€20), mil-liema flus hija tithallas €10 fil-waqt illi l-*management* izomm ir-rimanenti €10.[10]

L-istess Dinu xehdet ukoll illi hija kienet ilha gewwa Malta ghal gimgha biss u li kienet taf illi l-*Club* huwa mmexxi mill-imputat Duncan Fenech. L-impjieg taghha gewwa l-imsemmi *Club* inghata lilha mill-istess Fenech. Hija xehdet ukoll illi qatt ma kienet rat lill-imputat l-iehor Joseph Zammit qabel dakinhar li tat ix-xhieda taghha.[11] Dinu xehdet ukoll illi hija *self employed.*[12]

Fl-istqarrija rilaxxjata minnu fit-9 ta' Ottubru 2011, u dan wara li nghata s-solita twissija illi kellu d-dritt illi jibqa' sieket, izda dak li jghid seta' jingieb bhala prova, u wara li rrifjuta wkoll il-jedd illi jikkonsulta ma' avukat, l-imputat Duncan Fenech qal illi huwa *manager* gewwa l-*Club Private* u illi xoghlu kien li jiehu hsieb il-hanut. Qal illi huwa kien prezenti fil-post meta marru l-Pulizija, ghalkemm fil-fatt ma kienx xoghol dak il-hin.[13] Qal ukoll illi

---

[8] A fol. 36 u 37 tal-process.
[9] A fol. 34 tal-process.
[10] A fol. 35 tal-process.
[11] A fol. 34 tal-process.
[12] A fol. 37 tal-process.
[13] A fol. 44 tal-process.

huwa operatur ta' dan l-istabbiliment flimkien ma' zewg persuni ohrajn, certu Douglas Axisa u Mario Spiteri. Mistoqsi min huma l-*licensee* u *substitutes* tal-istabbiliment *Private*, huwa qal illi ma kienx jaf ezattament u li kien ikun ahjar li jigi mistoqsi l-imputat Zammit dwar dan "*ghax jifforma parti ma' Plush*"[14]. Qal ukoll illi Danielu Dinu kellha permess tal-impjieg u illi z-zeffiena kienu jahdmu fl-imsemmi stabbiliment bhala *self employed.*[15] Huwa cahad kategorikament illi jsir sess gewwa l-istabbiliment bejn iz-zeffiena u l-klijenti taghhom. L-imputat Joseph Zammit ma wiegeb l-ebda mistoqsija waqt l-interrogazzjoni tieghu.[16]

Fis-seduta tas-7 ta' Dicembru 2011, il-Prokuratur Legali Quentin Tanti, in rapprezentanza tal-*Malta Tourism Authority*, xehed illi fir-rigward tal-istabbiliment *Private* ma rrizultalu xejn mid-*database* tal-Awtorita`[17]. Fir-rigward tal-imputat Duncan Fenech, huwa qal illi ma rrizultalux illi dan jopera *Plush* gewwa l-istabbiliment *Plush Wine Bar.* Jirrizulta izda illi l-*licensee* tal-istabbiliment *Plush Wine Bar* huwa Anthony R. Borg (ID 111038(M) u s-*substitutes* li huma registrati fuq l-istess stabbiliment huma Mark Bugeja (ID 189963(M)), Joseph Zammit (ID 242373(M)) u Mario Azzopardi (ID 133798(M)). Jirrizulta wkoll mid-dokument ipprezentati mill-istess xhud illi apparti l-persuni msemmija, bhala *substitutes* fuq il-fond imsemmi *Plush Wine Bar*, hemm ukoll registrati Dustin Caruana (ID 39691(M)) u Jacqueline Camilleri (ID 100988(M)).[18]

Fis-seduta tas-7 ta' Dicembru 2011, xehed Christian Borg in rapprezentanza tal-*Employment and Training Corporation*, illi pprezenta dokument konsistenti fl-*Employment History* ta' Daniela Dinu. Dan id-dokument jindika lil Dinu bhala *self-employed* u bhala zeffiena.[19]

**Ikkunsidrat ukoll**:

[14] A fol. 44 tal-process.
[15] A fol. 45 tal-process.
[16] A fol. 47 u 48 tal-process.
[17] A fol. 56 tal-process.
[18] A fol. 55 tal-process; ara wkoll dokumenti esebiti a fol. 57 sa 61 tal-process.
[19] A fol. 71 tal-process.

Illi l-imputati jinsabu akkuzati talli mexxew burdell jew stabbiliment iehor li huwa ffrekwentat ghal skopijiet ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali u dan bi ksur tal-Artikoli 8, 9 u 10 tal-Kap. 63 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll bi ksur tar-Regolament 7 tal-Avviz Legali 128 tas-sena 2002.

L-Artikolu 8 tal-Kap. 63 tal-Ligijiet ta' Malta jitkellem dwar iz-zamma ta' briedel jew stabbiliment iehor ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali. Fil-kaz de quo m'hemmx dubbju illi ma tezisti l-ebda prova li fl-istabbiliment *Private* kienet qeghda ssir xi attivita` ta' prostituzzjoni u dan kif gie sottomess ukoll mill-Prosekuzzjoni fit-trattazzjoni taghha, fis-sens illi l-akkuzi nhargu biss b'referenza ghall-iskopijiet immorali tal-istabbiliment imsemmi.

Mill-banda l-ohra lanqas ma hemm dubju illi l-post fejn saret l-ispezzjoni ossia l-istabbiliment *Private* huwa *gentlemen's club*, fejn kien qed isir *inter alia table dancing* jew zfin erotiku fi *cubicles* privati ghall-beneficcju ta' klijenti rgiel. Dan jirrizulta mix-xhieda ta' Daniela Dinu, li tiddeskrivi l-post fejn hija tahdem bhala tali u tispjega l-iskop tal-impjieg taghha gewwa l-istess stabbiliment, kif ukoll dak li jsehh fl-istess stabbiliment, ossia zfin kemm fuq il-palk, kif ukoll zfin ghall-beneficcju ta' klijent wiehed biss, maghruf ukoll bhala *table dancing*, minn diversi nisa, liema nisa, skond dak li qal l-imputat Fenech fl-istqarrija tieghu, huma lkoll Rumeni. Dan jirrizulta wkoll mix-xhieda ta' Reno Zammit, li ddeskriva kif Dinu offrietlu li tizfen ghalih wahdu u dahhlitu fi *cubicle* ghal dan l-iskop. It-tfajla bdiet tizfen quddiemu u hekk kif din kienet ghadha kif nehhiet il-*bra* taghha, dahlu fuqhom il-pulizija.

L-ewwel kwistjoni li trid tigi deciza mill-Qorti hija jekk dan l-att ossia z-zfin *topless* da parti ta' Dinu, jammontax ghal att immorali, kif censurat permezz tal-Kap. 63 tal-Ligijiet ta' Malta. Jirrizulta mix-xhieda in kontro ezami tal-Ispettur Nikolai Sant illi kien dan l-att biss li wassal lill-Prosekuzzjoni sabiex tipprocedi kontra l-imputati bl-imputazzjonijiet odjerni.

Fis-sentenza taghha, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmel Fenech** moghtija fit-28 ta' Novembru 1985, fejn l-imputat kien gie akkuzat, fost akkuzi ohrajn illi ghamel xi haga "*contrary to law or morality*" fl-istabbiliment tieghu, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk dwar akkuza simili:-

"Li trid tezamina l-Qorti hu jekk, mill-erba' ritratti esebiti saritx il-prova ta' *show* li toffendi l-pudur jew il-morali rigwardati oggettivament, cioe` bla ma jitqiesu l-gosti, l-inklinazzjonijiet u l-preferenzi u t-'taboos' personali tad-decident. U jridu jintuzaw il-kriterji ta' socjeta` li kulma jmur issir plurastika u tolleranti basta li ma jinqabsux limiti, li, oggettivament, ghandhom ikunu oggezzjonabbili ghal kulhadd. Id-dritt Penali qieghed biex ihares dak li l-guristi Taljani jsejjhulha "minimo di moralita`". F'din is-sentenza saret referenza ghal dak li kiteb Antolisei, Manuale di Diritto Penali (Parte Generale): "*Il diritto penale protegge il minimo di quel minimo, cioe` il minimo etico assoluto. I reati sarebbero quei fatti immorali che presentano una maggiore gravita` e, quindi, i divieti penali rappresenterebbero il minimo del minimo etico*".

Il-fatt biss li ma hemmx tifsira jew definizzjoni fil-ligi ta' x'inhi moralita` jew immoralita` ma jfissirx li l-moralita` jew l-immoralita` ma tezistix jew li wiehed ma jistax ikollu dawk il-kriterji oggettivi li fuqhom ikun jista' jiddetermina x'inhu immorali jew le f'cirkostanzi u f'socjeta` partikolari. Atti li jmorru kontra l-*minimo di moralita`* huma atti oggezzjonabbli ghal kulhadd, u ma jehtigux definizzjoni tal-ligi u ghalhekk jistghu jaqghu taht dak li tipprovdi l-ligi kif provdut fil-Kap. 63 fejn issemmi *skopijiet ohra immorali* li l-legislatur ried li jigu kkunsidrati bhala illeciti. Il-ligi m'hijiex qed tghid biex gudikant jikkostitwixxi xi reat gdid izda biex jiddetermina jekk dawk l-atti f'dawk ic-cirkostanzi, jinkwadrawx fit-terminu tal-ligi bhala immorali."

Din il-Qorti studjat fil-fond it-trattazzjoni tal-abbli difiza u s-sentenza minnha citati u dan b'mod partikolari, is-sentenzi fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Raymond Caruana**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-8 ta' Jannar 1996, **Il-Pulizija vs Lourdes Castillo**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali

fit-28 ta' Jannar 2008, **Il-Pulizija vs Josephine Lanzon**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta' Lulju 2002 u **Il-Pulizija vs Rebecca Camilleri**, deciza minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, fis-16 ta' Mejju 2013.

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta, fit-2 ta' Ottubru 2013, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marco Bonnici**, fejn il-fatti li taw lok ghal dak il-kaz kienu tista' tghid kwazi identici ghal dawk li taw lok ghall-kaz odjern. F'dak il-kaz, il-Qorti qalet hekk:-

"*Il-fatt illi illum is-socjeta` taghna saret permissiva fejn dawn it-tip ta' rejaltajiet saru parti mill-hajja ta' kuljum u qed jigu accettati minghajr problemi ma jfissirx illi att minn immorali sar wiehed morali. Mara esposta f'qaghdiet provokattivi kwazi ghera f'magazine certament ma jistax jammonta ghal att moralment tajjeb. Att immorali, madankollu, mhux dejjem jekwivali ghall-att illegali u dana diment li l-legislatur jiehu hsieb illi dak l-att ikun regolat b'legislazzjoni adegwata li ma tistax taghti lok ghall-abbuz jew esplojtazzjoni. Hija l-fehma ta' din il-Qorti illi l-attivitajiet li jsiru gewwa gentlemen's club huma kontra s-sens ta' decenza u moralita`. Dawn huma atti li jikkostitwixxu trasgressjoni tar-regoli ta' komportament u ta' dicenza. Huma atti erotici li ghandhom l-ghan li jeccitaw l-istinti sesswali u kwindi qatt ma jistghu jigu meqjusa bhala atti morali, iktar u iktar meta l-persuna tas-sess femminili tesponi l-persuna taghha sabiex tissodisfa z-zina ta' haddiehor. Madankollu … dina l-industrija illum qed kull ma imur tikber fis-settur tad-divertiment specjalment f'Malta li hija destinazzjoni turistika u jenhtieg illi mill-aktar fis dina l-industrija tigi regolata b'ligi ad hoc sabiex l-attivita` li ssir fihom tigi regolata u ikkontrollata*".

Din hija wkoll il-fehma ta' din il-Qorti. Atti oggettivament immorali jibqghu immorali u ma jistghux jigu meqjusa morali a bazi tal-isfond li fihom ikunu qeghdin isehhu. Il-fatt illi jsehhu gewwa *gentlemen's club,* fejn allura ghandek udjenza ta' certa eta`, li tidhol volontarjament f'dan il-fond, bl-aspettattiva li tara dawn l-affarijiet u anke thallas ghalihom, ma jirrendix l-att immorali bhala wiehed

morali. L-att jibqa' wiehed li joffendi s-sens ta' dicenza u moralita`, anke jekk soggettivament u ghall-udjenza partikolari li tfittex u sahansitra thallas biex tara dak l-att, dan mhuwiex il-kaz. U fil-fehma ta' din il-Qorti, huwa proprju ghalhekk illi din l-industrija ghandha tigi regolata b'ligi *ad hoc*, izjed u izjed meta wiehed jikkunsidra, kif qalet il-Qorti fis-sentenza appena citata, illi izjed ma jghaddi zmien din l-industrija qeghda tikber fis-settur tad-divertiment u ghaldaqstant, wasal iz-zmien sabiex minkejja l-immoralita` taghhom, dawn l-attivitajiet ma jibqghux jitqiesu bhala illeciti, dment li jigu regolati b'legislazzjoni idonea li tassigura illi ma jkun hemm l-ebda tip ta' abbuz u esplojtazzjoni f'dan kollu.

Illi madankollu, f'dan il-kaz, m'hemm l-ebda prova fl-atti li turi illi fid-9 ta' Ottubru 2011, ghall-habta tas-2.00 a.m. – ossia fid-data u l-hin indikati fl-imputazzjonijiet odjerni – kien qed isir xi zfin fil-*club Private* ghajr iz-zifna li saret minn Dinu lil Zammit, tant illi in kontro-ezami l-Ispettur Nikolai Sant xehed illi l-kaz odjern tmexxa kontra l-imputati biss minhabba l-fatt illi Dinu kienet *topless* u ghall-ebda raguni ohra. Da parti taghha, iz-zeffiena, Dinu, xehdet illi hija ma kellhiex struzzjonijiet specifici mill-*management* dwar il-mod kif kellha tizfen, li dak li ghamlet f'dan il-kaz kien semplicement b'decizjoni taghha u b'inizjattiva taghha stess u li hadd mill-proprjetarji tal-lokal ma kien qalilha biex taghmel hekk. Fix-xhieda taghha, l-istess Dinu spjegat ukoll ir-raguni taghha ghal din l-inizjattiva u dan fis-sens illi wara li hija zifnet zewg *table dances* ghal Zammit, hija ppruvat thajjru ghat-tielet zifna billi kixfet sidirha. Dinu xehdet ukoll illi fil-*club* kien projbit il-kuntatt fiziku bejn il-klijent u z-zeffiena.

Dan apparti illi, fil-waqt illi l-imputat Duncan Fenech stqarr huwa stess, fl-istqarrija rilaxxjata minnu, illi huwa jmexxi u jopera l-lokal in kwistjoni, fil-konfront tal-imputat Zammit, hemm dubju dwar l-involviment tieghu fil-gestjoni ta' dan il-lokal. Dinu xehdet ukoll illi l-impjieg taghha inghata lilha minn Fenech, izda hija qatt ma kienet rat lill-imputat Zammit, qabel il-jum li fih xehdet. *In ogni caso*, tenut kont tac-cirkostanzi fuq indikati, il-Qorti jidhrilha illi l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova, sal-grad rikjest mil-

ligi, illi l-imputati ippermettew illi jsiru xi atti ghal skopijiet immorali fid-data u fil-hin tal-imputazzjonijiet odjerni u ghaldaqstant l-imputati qed jigu illiberati mill-ewwel erba' imputazzjonijiet kif migjuba kontra taghhom.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi l-imputati qed jigu akkuzati wkoll talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, impjegaw persuna minghajr licenzja u dan bi ksur tal-Artikolu 5 tal-Avviz Legali 205 tas-sena 2004, li jghid hekk:

"Meta Cittadin ta' l-Unjoni ikun irid jibda impjieg (hawn taht imsemmi bhala "il-haddiem") ebda impjieg bhal dak ma jista' jinbeda sakemm, flimkien ma' permess ghal residenza, ma tkunx inharget licenza, izda dik il-licenza ma ghandhiex, bla hsara ghal dak li hawn f'dan is-subregolament, tinzamm."

Skond ir-Regolament 2 tal-istess Avviz Legali, "*licenza*" tfisser "*il-licenza ta' l-impjieg kif jinhtieg ghad-detentur taghha biex jahdem bhala persuna impjegata jew biex iwettaq xi attività ekonomika ohra f'Malta*".

Ai termini tas-sub-regolament 9 tar-Regolament 5, imbaghad "*Min jimpjega haddiem bla licenza ikun hati ta' reat skond l-Att*".

Huwa car ghalhekk illi biex il-Qorti ssib reita` f'dan il-kaz, irid l-ewwel u qabel kollox jigi muri illi Daniela Dinu kienet impjegata mal-imputati. Fix-xhieda taghha, Daniela Dinu tghid illi l-impjieg taghha gewwa l-lokal in kwistjoni inghata lilha mill-imputat Duncan Fenech u illi lill-imputat l-iehor Joseph Zammit, qatt ma kienet ratu qabel il-jum li fih hija tat ix-xhieda taghha quddiem din il-Qorti. In oltre ghalkemm il-prosekuzzjoni, tramite x-xhieda migjuba minnha, fosthom is-Supretendent Gatt, tinsisti illi l-*club Private* jifforma parti mill-istabbiliment *Plush Wine Bar* u dan billi l-ewwel stabbiliment imsemmi jinsab taht dan l-ahhar stabbiliment u fi kliem is-Supretendent Gatt "*jigi qisu l-kantina, basement ta' l-istess stabbiliment*", jidher mill-istess xhieda illi z-zewg stabbilimenti ghandhom

bibien separati u hlief ghall-fatt illi stabbiliment wiehed jinsab taht l-iehor, il-konnessjoni bejniethom m'hijiex wahda cara mill-atti. In oltre ghalkemm jirrizulta mill-istqarrija rilaxxjata minnu illi l-imputat Duncan Fenech jopera l-istabbiliment bl-isem ta' *Private* flimkien ma' zewg persuni ohrajn, estranei ghal dawn il-proceduri, il-konnessjoni tal-imputat Zammit mal-istabbiliment *Private* lanqas m'hija cara mill-provi prodotti, ghaliex mix-xhieda tar-rapprezentant tal-*Malta Tourism Authority* u mid-dokumenti minnu esebiti jirrizulta illi l-*club Private* ma jidhirx fuq id-*database* tal-istess Awtorita`, fil-waqt illi l-imputat Zammit huwa registrat bhala *substitute* fir-rigward ta' *Plush Wine Bar.* In oltre ghalkemm l-imputat Fenech fl-istqarrija tieghu ta x'jifhem illi l-istabbiliment *Private* jifforma parti mill-istabbiliment *Plush,* apparti illi lanqas minn din id-dikjarazzjoni ma tirrizulta cara l-mod u l-manjieri li stabbiliment jifforma parti minn iehor, bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 661 tal-Kap. 9, din id-dikjarazzjoni tal-imputat Fenech ma taghmilx prova kontra l-imputat Zammit u ma tistax tkun ta' pregudizzju ghal dan tal-ahhar. Ghalhekk mill-provi l-ohra migjuba fl-atti, il-konnessjoni tal-imputat Zammit mal-istabbiliment *Private* tibqa' wahda incerta.

Fir-rigward tal-imputat Fenech, minkejja illi jirrizulta illi kien l-istess Fenech li offra lil Dinu sabiex tahdem gewwa l-lokal in kwistjoni, jirrizulta car ukoll mix-xhieda tar-rapprezentant tal-*Employment and Training Corporation*, illi Daniela Dinu hija registrata bhala zeffiena *self employed*. Skond id-dokument ipprezentat minn dan ix-xhud, hija bdiet tahdem bhala tali fis-7 ta' Ottubru 2011 u ghalhekk jidher illi fid-data li ghaliha jirreferu l-imputazzjonijiet odjerni, Dinu diga` kienet registrata bhala *self employed* mal-imsemmija Korporazzjoni.

Ghaldaqstant, il-Qorti ma tistax hlief tillibera lill-imputati minn din l-imputazzjoni.

L-istess irid jinghad fir-rigward tas-sitt imputazzjoni ossia dik illi fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bhala principali, l-imputati impjegaw xi persuna li ma kinitx cittadina ta' Malta, liema persuna ma kellhiex permess tax-xoghol.

F’dan ir-rigward, kif diga` inghad, la jirrizulta illi Dinu kienet impjegata mal-imputati, stante illi rrizulta illi fil-fatt hija *self employed* u lanqas li m’ghandhiex permess tax-xoghol. Ghalhekk l-imputati qeghdin jigu lliberati wkoll minn din l-imputazzjoni.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi l-imputat Zammit qed jigi akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bhala persuna bil-licenzja impjega lil Duncan Fenech biex jaghmilha minn floku, jew bhala rapprezentant tieghu, minghajr il-permess bil-miktub tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Illi f’dan ir-rigward jidher illi din l-imputazzjoni inharget kontra l-imputat Zammit a bazi tar-Regolament 21 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 10.09, mahruga taht il-Kap. 10 tal-Ligijiet ta’ Malta, skond liema regolament, “*Ebda persuna bil-licenza ma tista’ timpjega persuna ohra biex taghmel flokha jew bhala rapprezentant taghha minghajr il-permess bil-miktub tal-Kummissarju tal-Pulizija.*” Issa apparti kunsiderazzjonijiet dwar il-punti ssollevati mid-difiza, dwar kemm hu applikabbli jew le dan ir-regolament u jekk illum ghadux mehtieg il-permess bil-miktub tal-Kummissarju tal-Pulizija ghal dan il-ghan, jirrizulta car mix-xhieda u mid-dokumenti esebiti mir-rapprezentant tal-*Malta Tourism Authority*, illi l-imputat Zammit mhuwiex registrat bhala l-persuna bil-licenzja, jew il-*licensee*, izda bhala *substitute* u dan flimkien ma’ numru ta’ persuni ohrajn li huma wkoll *substitutes.* Kif inghad mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tal-25 ta’ Jannar 2008, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Debrincat**, ghall-fini tal-Legislazzjoni Sussidjarja 10.09, *substitute* huwa meqjus biss bhala impjegat tal-*licensee*, u semmai ghalhekk mhuwiex is-*substitute* u cioe` l-imputat Zammit li jista’ jinstab hati talli mpjega lill-imputat Fenech, izda l-*licensee.* Issa anke li kieku wiehed kellu jargumenta ghall-grazzja tal-argument biss illi stante illi Zammit kien fit-triq barra l-istabbiliment fil-jum in kwistjoni u stante illi bhala *substitute* huwa ghalhekk kien responsabbli minn dak li kien qed isehh fil-lokal imsemmi u anke ghalhekk ghall-fatt li kien hemm l-imputat l-iehor Fenech imexxi l-

lokal in kwistjoni – li wara kollox jghid ukoll fl-istqarrija tieghu illi ma kienx xoghol dakinhar izda nzerta kien qieghed fil-post - kif diga` inghad izjed il'fuq, ma tirrizultax ippruvata sodisfacjentement sal-grad rikjest mil-ligi, il-konnessjoni bejn *Plush Wine Bar*, ta' liema stabbiliment huwa registrat bhala *substitute* l-imputat Zammit u l-istabbiliment *Private* li jiggestixxi l-imputat Fenech u ghalhekk lanqas ma jista' jinghad illi l-imputat Fenech kien qieghed jagixxi bhala rapprezentant tal-imputat Zammit. Ghalhekk l-imputat Zammit qed jigi lliberat ukoll minn din l-imputazzjoni

Bhala rizultat tas-suespost, il-Qorti qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet tal-Prosekuzzjoni f'kaz ta' kundanna tal-imputati ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u stante wkoll illi l-Qorti ma sabet l-ebda reita` fl-imputati, lanqas ma tista' ssibhom hatja talli huma recidivi.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed tillibera lill-imputati mill-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet tal-Prosekuzzjoni f'kaz ta' kundanna tal-istess imputati ghall-imputazzjonijiet hekk migjuba.

**< Sentenza Finali - Not To Put On Web >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------